MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 550/2005

**Benmar Company Limited (C-5493)**

**Vs**

**Galaxy Holiday Resorts Limited**

## Il-Qorti:-

Rat illi l-atturi pprezentaw avviz fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sbatax ta’ Novembru, 2005 u li permezz tieghu talbu lil Qorti tordna lis-socjeta konvenuta tikkonsenja lis-socjeta attrici l-oggetti nieqsa li ghadhom ma gewx lilha ikkonsenjati fosthom mitt *wrought iron double wall lights*, mitt *tea making facilities*, mitt twapet tas-sodda, mitt radjiet, mitt siggijiet u hamsin mejda tal-fagu mastizz. Is-socjeta attrici talbet ukoll lill-Qorti sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u disghajn lira maltin spejjez li gew minnha inkorsi biex tirranga disa’ gwardarobbi li gew kkonsenjati mhux kompluti, u dan fit-termini ta’ ftehim ta’ bejgh ta’ mitt

karma tas-sodda kompluta bl-accessorji bejniethom konkjuz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tletin ta' Awissu, 2005 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza l-ammont ma jeccedix l-hamest elef lira maltin (LM5000).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet li:-

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *rationae valoris* ai termini ta' l-artikoli 746 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpanija eccipjenti m'ghandha taghti xejn lill-kumpanija attrici;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.
Illi b'verbal datat sitta ta' Gunju, 2007 is-socjeta attrici, tramite d-difensur legali taghha, ddikjarat li qeghda tillimita t-talba taghha ghal hamest' elef lira, rapprezentanti l-bejgh ta' oggetti mhux konsenjati.

Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tas-sitta ta' Gunju, 2007 xehed **Frank Camilleri**, *financial controller* tas-socjeta konvenuta.

Huwa qal illi f'Novembru tas-sena 2004 is-socjeta attrici harget *invoice* fis-somma ta' LM9,500, liema somma kienet tirrapprezenta "*one hundred hotel rooms*". Skond dan ix-xhud, min din ic-cifra kienet thallset is-somma ta' disa' mija u hamsin lira maltin (LM950) bhala ten per cent (10%) depozitu ta' l-ammont kollu. Huwa kellu ukoll ricevuta datata Jannar, 2005 fl-ammont ta' tmint' elef hames mija u hamsin lira maltin (LM8,550) biex b'hekk thallas l-ammont kollu dovut. Huwa jzid jghid illi ghalhekk is-socjeta konvenuta ma ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici.

Fl-istess seduta tas-sitta ta' Gunju, 2007 xehed **Bernard Farrugia**, direttur tas-socjeta attrici. Huwa qal illi s-socjeta minnu rapprezentata kienet xtrat mitt oggett, u cioe kull oggett li kien hemm fil-kamra li gie muri. Jaqbel ukoll, dan ix-xhud, li l-bejgh kien ghas-somma ta' disat elef u hames mitt lira maltin (LM9,500) u li din is-somma thallset kollha mis-socjeta minnu rapprezentata. Huwa qal li s-socjeta konvenuta xorta baqalha taghti lis-socjeta minnu rapprezentata numru ta' oggetti fosthom "*wall night double ta' mal-hajt, tea making facility, mitt siggu tar-raffja, hamsin mejda, mitt bedside carpet*". Apparti minn hekk, kien hemm disa' (9) gwardarobbi mhux kompluti u li kellhu jkomplihom huwa stess. Ovvjament biex ghamel dan nefaq il-flus. Mistoqsi x'affarijiet kien inghata minghand is-socjeta konvenuta, dan ix-xhud jghid illi ma jaftakarx l-ghaliex kienu ghaddew tlett (3) snin. Finalment jghid illi sabiex jottjeni dawn l-oggetti kollha ried jonfoq qrib il-hamest elef lira maltin (Lm5,000).

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi f'din il-kawza s-socjeta attrici qeghda titlob lil Qorti sabiex:

1. Tordna lis-socjeta konvenuta tikkonsenjala "dawk l-oggetti nieqsa li ghadhom ma gewx lilhom ikkonsenjati fosthom mitt *wrought iron double wall lights*, mitt *tea making facilities*, mitt twapet tas-sodda, mitt radjiet, mitt siggijiet u hamsin mejda tal-fagu mastizz; u

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ Lm495 bhala spejjez li gew minnha nkorsi biex tirranga disa gwardarobbi li gew kkonsenjati mhux kompluti,

dan kollu fit-termini tal-ftehim ta’ bejgh ta’ mitt kamra tas-sodda kompluta bl-accessorji bejniethom konkjuz.

Sussegwentement b’verbal datat sitta ta’ Gunju, 2007 is-socjeta attrici llimitat it-talba taghha ghal hamest elef lira Maltin (Lm5000) rapprezentanti l-bejgh ta’ oggetti mhux konsenjati.

Bhala eccezzjonijiet, is-socjeta konvenuta qeghda tghid illi hija m’ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici, u li t-talbiet taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Ecceppiet ukoll l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *rationae valoris*.

Illi ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li sabiex din il-vertenza tigi rizolta, hija ghandha tidhol fil-kwistjoni tal-kuntratt bonarjament konvenut bejn il-partijiet. Il-Qorti trid tara jekk dak li gie miftiehem bejn il-partijiet sehhx u cioe jekk l-affarijiet li kienu inxtraw mis-socjeta attrici minghand is-socjeta konvenuta nghatawx lilha kollha u f’kaz li ma inghatawx, x’inhu l-valur ta’ dawn l-istess oggetti. Issa ghar-rigward ta’ dan l-ahhar punt, is-socjeta attrici qeghda tghid illi l-ammont li ghandu jigi likwidat, jekk tintlaqa t-talba taghha, ma ghandux jkun ta’ iktar minn Lm5,000.

Issa, l-artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jitkellem dwar il-Qrati Inferjuri ossia l-Qorti tal-Magistrati (Malta). Dan l-artikolu huwa jistipula illi:

***47.*** *(1) Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat wiehed jippresjedi, u dik il-qorti, bhala qorti ta’ l-ewwel grad tisma’ u tiddecidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta’ hamest elef lira, kontra persuni li joqoghdu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f’parti tal-Gzira ta’ Malta.*

*(2) Dik il-qorti tiddeciedi wkoll il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi espressament thalli ghaliha.*

*(3) Izda l-kawzi li fihom jidhlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li ghandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, pizijiet jew drittijiet ohra mghaqqdin mal-beni immobbli, inkluza kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqghodu jew li ghandhom l-abitazzjoni ordinarja taghhom fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidhlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba.*

Il-kawza odjerna zgur li ma taqax fit-tielet sub-artikolu ta' dan l-artikolu tal-ligi.

Ukoll skond l-artikolu 746 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi:

"*Meta l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tiddependi mill-valur ta' l-oggett fil-kawza, ghandhom jitharsu r-regoli migjubin fl-artikoli li gejjien*".

L-artikolu 747 jghaddi biex jitkellem dwar kawzi li ma jkollhomx valur cert jew inkella jkollhom valur indeterminat. Dawn jaqaw fil-kompetenza tal-Qrati Superjuri. Dan zgur li ma japplikax ghal kaz odjern stante li t-talba qeghda tigi arginata ghas-somma ta' Lm5,000.

Kif tajjeb osservat is-socjeta attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-kawzali li talvolta jitnizzlu fl-avviz li jitressaq ghal konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma humiex rigidi u inflessibbli. Intqal fis-sentenza **Cassar noe vs Zammit** citata mill-istess socjeta attrici illi:

"*Kwantu ghall-aspett li ma ntalbitx dikjarazzjoni ghat-terminazzjoni tat-titolu, tajjeb li jigi notat illi, kif pacifikament akkolt, id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi (**Kollez Vol. XXXIII pI p666**). Maggorment, imbaghad, "trattandosi di domanda ntrodotta per avviso*

*nella Corte Inferiore la legge e` meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse stata introdotta in una Corte superiore” (***Kollez. Vol XXIV pI p615***). Dan fis-sens illi d-domanda tendenti ghall-kundanna tat-twaqqiegh tal-istrutturi kienet virtwalment tikkomprendi l-fatt li s-socjeta` attrici, qua proprjetarja, kienet qed tittermina kull titolu li seta’ kellu l-konvenut, anke jekk ma ntalbetx dikjarazzjoni espressa fir-rigward*”.

Fil-kaz odjern il-Qorti hija tal-fehma li japplika d-dispost ta’ l-artikolu 748 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe li l-valur tal-oggett fil-kawza hu determinat meta t-talba hija ghall-hlas ta’ somma determinata. Issa fil-kaz odjern, is-socjeta attrici qeghda tallega li s-socjeta konvenuta ma taghtiex l-affarijiet kollha u hija qeghda tallega, f’dan l-istadju, li dawn l-affarijiet nieqsa jammontaw ghal mhux izjed minn LM5,000.

Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti li mill-provi prodotti u dikjarazzjonijiet maghmula f’dan l-istadju hija ghandha l-kompetenza sabiex tisma u tiddeciedi din il-kawza.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta ta’ l-inkompetenza taghha *rationae valoris* u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Il-kawza qeghda tigi differita ghas-seduta ta’ ......................... ghall-provi kollha tas-socjeta attrici.**

**L-ispejjez qeghdin jigu riservati ghal gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------